

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Euler Hermes SA Magyarországi Fióktelepe

Konvenut: Nemzeti Adó- és Vámhivatal Fellebbviteli Igazgatósága

### **Dispożittiv**

L-Artikolu 90(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 2010/45/UE tat-13 ta' Lulju 2010, kif ukoll il-prinċipju ta' newtralità fiskali

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

ma jipprekludux leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li abbażi tagħha t-tnejja taxxabbli fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, previst f'din id-dispożizzjoni, ma jiġix applikat fir-rigward ta' assiguratur li, fil-kuntratt ta' assigurazzjoni ta' debiti kummerċjali, iħallas lill-persuna assigurata, bħala kumpens wara n-nuqqas ta' ħlas ta' debitu, parti mill-ammont tal-valur taxxabbli tat-tranżazzjoni taxxabbli inkwistjoni inkluża t-taxxa fuq il-miżjud, anki jekk, skont dan il-kuntratt, din il-parti tad-debitu u d-drittijiet kollha relatati ġew ittrasferiti lil dan l-assiguratur.

(<sup>1</sup>) ĠU C 471, 22.11.2021.

### **Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-9 ta' Frar 2023 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Oberster Gerichtshof – l-Awstrija) – UniCredit Bank Austria AG vs Verein für Konsumenteninformation**

**(Kawża C-555/21 (<sup>1</sup>), UniCredit Bank Austria)**

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Protezzjoni tal-konsumaturi – Direttiva 2014/17/UE – Kuntratti ta' kreditu għall-konsumaturi relatati ma' proprjetà immobбли residenzjali – Artikolu 25(1) – Rimbors antiċipat – Dritt tal-konsumatur għal tnaqqis mill-ispiżza totali tal-kreditu li tikkonsisti fl-interessi u fl-ispejjeż dovuti fir-rigward tat-terminu residwali tal-kuntratt – Artikolu 4(13) – Kunċett ta' “spiżza totali tal-kreditu lill-konsumatur” – Spejjeż li ma humiex dippendenti fuq it-tul tal-kuntratt)**

(2023/C 112/06)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### **Qorti tar-rinviju**

Oberster Gerichtshof

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: UniCredit Bank Austria AG

Konvenut: Verein für Konsumenteninformation

### **Dispożittiv**

L-Artikolu 25(1) tad-Direttiva 2014/17/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar kuntratti ta' kreditu għall-konsumatur marbutin ma' proprjetà immob bli residenzjali u li temenda d-Direttivi 2008/48/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li d-dritt tal-konsumatur għal tnaqqis mill-ispiżza totali tal-kreditu fil-każ ta' rimbors antiċipat tal-kreditu jinkludi biss l-interessi u l-ispejjeż li huma dippendenti fuq it-tul tal-kuntratt.

(<sup>1</sup>) ĠU C 513, 20.12.2021.